



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2010/0372(COD)

4.3.2011

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 fir-rigward tar-regoli għall-implimentazzjoni ta' modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti skont il-politika agrikola komuni
(COM(2010)0772 – C7-0013/2011 – 2010/0372(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Britta Reimers

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	10

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 fir-rigward tar-regoli għall-implimentazzjoni ta' modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti skont il-politika agrikola komuni
(COM(2010)0772 – C7-0013/2011 – 2010/0372(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0772),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0013/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0000/2011),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b' mod sustanzjali jew li tibdilha b' test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Sabiex **tiġi ggarantita applikazzjoni** uniformi **ta' modulazzjoni volontarja tal-pagamenti diretti** fl-Istati Membri **kollha, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti** ta' implimentazzjoni skont **l-Artikolu 291 tat-Trattat. Salv fejn hu pprovdut espliċitament mod ieħor, il-Kummissjoni għandha tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/yyyy] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fi... [din l-informazzjoni għandha tiddaħħal wara li jiġi adottat ir-regolament dwar il-mekkaniżmi tal-kontroll, kif imsemmi fl-Artikolu 291(3) tat-TFUE, li bħalissa hu soġġett għad-diskussjoni fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill].**

Emenda

(3) Sabiex **jiġu ggarantiti kundizzjonijiet** uniformi **għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 387/2007** fl-Istati Membri **kkonċernati, għandhom jingħataw setgħat** ta' implimentazzjoni **lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni volontarja, l-iżgurar tal-integrazzjoni tal-modulazzjoni volontarja fil-programmazzjoni tal-iżvilupp rurali u l-iżgurar tal-ġestjoni finanzjarja tal-modulazzjoni volontarja. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzji mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹.**

¹ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 5 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġestjoni finanzjarja tal-modulazzjoni volontarja biex tiġi iżgurata l-implimentazzjoni effiċjenti tal-modulazzjoni finanzjarja.

Ġustifikazzjoni

F'każ li tintuża l-proċedura konsultattiva, hija meħtieġa ġustifikazzjoni.

Emenda 3**Proposta għal regolament – att li jemenda****Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 378/2007

Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

"L-ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' modulazzjoni volontarja għandhom jiġu ffixxati mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni **mingħajr l-għajjnuna ta' kumitat**, abbażi ta'."

Emenda

"L-ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' modulazzjoni volontarja għandhom jiġu ffixxati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni abbażi ta'."

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex ċar għalfejn in-natura ta' dawn l-atti timplika li l-Kummissjoni għandha taġixxi mingħajr l-għajjnuna ta' kumitat, u għalhekk din il-frażi qed titħassar.

Emenda 4**Proposta għal regolament – att li jemenda****Artikolu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 378/2007

Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni **skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 91c tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005**, tadotta dispożizzjonijiet speċifiċi għall-integrazzjoni ta' modulazzjoni volontarja fl-ipprogramar ta' żvilupp rurali.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta dispożizzjonijiet speċifiċi għall-integrazzjoni ta' modulazzjoni volontarja fl-ipprogramar ta' żvilupp rurali. **Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura ta' eżami msemmija fit-tieni subparagrafu tal-**

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni **skont il-proċedura msemija fl-Artikolu 42d(3) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005**, tadotta dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġestjoni finanzjarja ta' modulazzjoni volontarja."

Artikolu 6a(1).

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġestjoni finanzjarja ta' modulazzjoni volontarja. **Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura konsultattiva msemija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6a(2).**"

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qed jiddaħħal test standard biex jiġi speċifikat eżatt liema proċedura tikkorrispondi għad-dispożizzjoni speċifika.

Emenda 5

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 2 a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 378/2007
Artikolu 6 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Għandu jiżdied l-Artikolu li ġej:

Article 6 a

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali stabbilit bl-Artikolu 90 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005. Dak il-kumitat huwa kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għall-Fondi Agrikoli stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1290/2005. Dak il-kumitat huwa kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn issir referenza għal dan il-

*paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4
tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

*Qed jiżdied test standard biex issir referenza għall-kumitati rilevanti li diġà ġew stabbiliti.
Din il-bidla ġejja mill-mudell dwar il-formulazzjoni standard rigward l-atti ta'
implimentazzjoni.*

NOTA SPJEGATTIVA

It-Trattat ta' Lisbona jabolixxi s-sistema l-antika tal-komitoloġija, li kienet ibbażata fuq il-proċeduri klassiċi tal-komitoloġija (konsultattiva, tal-amministrazzjoni, regolatorja) u l-proċedura regolatorja bi skrutinju. Din is-sistema issa ġiet sostitwita bi struttura b'żewġ livelli, li tikkonsisti f'atti ddelegati u atti ta' implimentazzjoni (tal-ewwel tinkludi d-dritt ta' veto tal-Parlament), li jippermettu lill-Kummissjoni teżerċita setgħat fl-implimentazzjoni u fl-eżekuzzjoni. B'hekk, il-korp eżistenti tal-leġiżlazzjoni jrid jiġi allinjat ma' din ir-realtà legali ġdida.

Il-proposta hija limitata għal modifiki għall-iskop ta' allinjament biss.

Allinjament mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar is-setgħat ta' implimentazzjoni

Wara t-Trattat ta' Lisbona, is-setgħat mogħtija skont ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 lill-Kummissjoni jeħtieġu li jkunu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jiddistingwu bejn żewġ tipi ta' atti tal-Kummissjoni:

- L-Artikolu 290 jippermetti lil-leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex temenda jew iżżid ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv. Fit-terminoloġija użata fit-Trattat, l-atti legali li l-Kummissjoni tadotta b'dan il-mod jissejħu “atti ddelegati” (l-Artikolu 290(3)).
- L-Artikolu 291 tat-TFUE jippermetti lill-Istati Membri jadottaw il-miżuri kollha ta' liġi nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' atti tal-Unjoni legalment vinkolanti. Dawk l-atti jistgħu jagħtu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni f'każijiet fejn ikunu meħtieġa kundizzjonijiet uniformi sabiex jiġu implimentati. Fit-terminoloġija użata fit-Trattat, l-atti legali li l-Kummissjoni tadotta b'dan il-mod jissejħu “atti ta' implimentazzjoni” (l-Artikolu 291(4)).

Il-proposti tar-Rapporteur rigward l-allinjament

Il-proposta temenda r-Regolament tal-Kunsill 378/2007 billi żżid dispożizzjoni waħda relatata mal-atti ta' implimentazzjoni (Artikolu 4(1)) - L-użu tad-dispożizzjonijiet dwar l-atti ta' implimentazzjoni f'dawn l-artikoli huwa elaborat fl-Artikoli 6a u 6b.

Barra minn hekk, wara l-konklużjoni riċenti ta' Fehim Komuni dwar l-arranġamenti prattiċi għall-użu tal-atti ddelegati (Artikolu 290 TFUE), kif ukoll il-konklużjoni tal-proċedura dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ir-rapporteur jipproponi verżjoni aġġornata tat-test legali, li tinkludi t-test maqbul mill-Parlament u mill-Kunsill, relatat mal-proċeduri ta' kumitat.

Ir-rapporteur jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni: Abbażi tal-kriterji definiti għal kull tip ta' att, ir-rapporteur skrutinizza b'attenzjoni l-proposta tal-Kummissjoni u identifika oqsma fejn il-kundizzjonijiet għall-atti ta' implimentazzjoni ġew issodisfati. Ma ġewx osservati

inkonsistenzi.